# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 531/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Attard)

vs

**John Sant**

iben Bartholomeo, imwieled Pieta', fil-25 ta' Marzu, 1974, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 585974(M)

Illum 23 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotta kontra l-appellant John Sant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-1 ta' Frar 2012 ghall-habta ta' 9.20a,m. Fi Triq il-Blat il-Qamar, Siggiewi: -

1. Saq vettura DAU-627 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Transport f'Malta biex tintuza fit-triq ( licenzja tal-vettura mhux imgedda);

2. Saq l-imsemmija vettura DAU 627 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar r-riskji tat-terzi persuni;

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu taz-zmien ta' mhux inqas minn tnax (12) -il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta’ Ottubru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-kap. 65 u 3(1) tal-Kap 104, sabet lill-imputat hat ital-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ elfejn u erba’ mitt ewro (€2400) pagabbli fuq mhedda ta’ sentejn u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti John Sant tat-23 ta’ Novembru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hati tal-akkuzi migiuba kontra tieghi u tilliberah minn kull htija u piena

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Li l-Qorti kellha quddiem biss xhieda okkulari ta' l-istess appellanti u li ma kienx kontradett mill-fatti kif sehhew fl-1 ta' Frar 2012 fil-ghodu ghal-habta ta' 9.20a,m. Fl’inhawi maghrufa ta' Blat il-Qamar, Siggiewi u li ma kien qed jisker l-ebda regolament tat-traffiku meta il-vettura kienet qed ticcaqlaq iktar milli tinstaq u projeta privata:

2. Salv aggravji ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju u ghalhekk din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

Illi mix-xhieda tal-appellant stess jirrizulta li l-vettura in kwistjoni kienet qed tinsaq fuq proprjeta' privata u ghalhekk ma kien hemm ebda htiega li din il-vettura tkun assikurata.

Illi l-ligi tispecifika, il-Kapitoli 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-vetturi kollha ghandhom ikun licenzjati u assikurati anki jekk ikun qed jinsaqu fuq proprjeta' privata.

Illi fil-kaz in ezami din il-vettura kienet qed tinsaq fi triq pubblika u allura l-argument tat-triq privata, l-anqas ser jittiehed in konsiderazzjoni.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell ta' John Sant u qed tikkonferma s-sentenza appellata.